# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512

TEL: 2168 0622

E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt

WEBSITE: www.mqabba.gov.mt / www.lc.gov.mt


Minuti tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba, (KLM) tal-laqgħa numru ħamsa (5) li nżammet nhar id-9 ta' Ottubru 2019 fil-Bini Muniċipali fis-6.15pm

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Omar Farrugia | Sindku |
| | Grace Marie Zerafa | Viċi Sindku |
| | Jonathan Dingli | Kunsillier |
| | Owen Sciberras | Kunsillier |
| | Henry Zaffarese | Kunsillier |
| | Anthony Bonelo | Deputat Segretarju Eżekuttiv (DSE) |
| SKUŻAT: | Nathan Aquilina | Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |

Is-Sindku, Omar Farrugia ppresjeda l-laqgħa u qal it-talba.
Il-minuti tas-seduta preċedenti kienu mressqa għall-vot mill-Viċi Sindku li kellha xi emendi żgħar kif jidhru fuq il-kopja tal-minuti oriġinali u ssekondahom Henry Zaffarese. Dawn tressqu għall-vot u l-vot kien unanimu.
Punti mill-Minuti:
Is-Sindku qal illi bagħat għal Eric Brincat u qallu illi l-probation period mhux se jkun imġedded u dan aċċetta. Dwar l-impjieg ta' Marouska Zahra flok Eric Brincat, bħal issa għaddejjin mil-fażi li jduru l-logins għal fuqha.

Is-Sindku semma' kif fil-Clean Up The World il-KLM kellu s-sehem ta' 24 persuna mqabbija u rringrazzjahom. Hu iddeskriva t-tindifa fi Triq tas-Sejba bħala waħda sodisfaċenti u fuq kollox il-KLM ta lezzjoni dwar l-indafa fl-Imqabba.

Is-Sindku semma' wkoll il-European Mobility Week li kienet organizzata mis-Soċjeta' Mużikali Madonna tal-Ġilju fl-Imqabba fejn ingħalqu xi toroq fosthom il-Pjazza tal-Knisja. Hu qal illi kellna riżultati tajbin ferm dwar din l-attivita' ambjentali fl-Imqabba.

Grace Marie Zerafa semmiet il-Buffet Breakfast li se jkun organizzat nhar l-1 ta' Novembru 2019 u qalet illi issa għandna l-avviżi kollha mqassmin.

Il-KLM kien ippreżentat bir-rapport tal-Bord tal-Għażla biex jimtela' l-post vakant ta' Segretarju Eżekuttiv. Ir-rapport ma rrakkomandax in-nomina tas-Sur Patrick Bugeja għaliex dan ma ssodisfax il-kriterji kollha li għalih kien assessjat waqt l-intervista. Għaldaqstant id-DSE se jikkomunika dan mad-Diviżjoni Gvern Lokali u nerġgħu noħorġu s-sejħa mill-ġdid.

Il-KLM ikkunsidra r-rapport tal-Bord ta' Evalwazzjoni tan-Nomini għal Ġieħ l-Imqabba. Il-Bord għamel short listing ta' dawn in-nomini għal tnejn: it-Tabib Charles Sciberras u Fr Jonathan Farrugia. Kien hemm diskussjoni interessanti dwar ic-cv ta' dawn il-persuni u kull kunsillier qal dak li l-aktar li ħass li kien relevanti. Fis-7.00pm kienet sospiża l-aġenda biex ikun diskuss dan kollu.
Mhux parti mill-minuti

Fis-7.40pm il-KLM kompla bl-agenda tiegħu u ddikjara lil Dr Charles Sciberras il-persuna li jimmeritah Ġieh l-Imqabba 2019.

Is-Sindku qal x'kienet l-esperjenza tiegħu fuq il-Board tal-Awtorita' tal-Ippjanar fil-każ tal-proposta ta' pannelli solari f'Xagħri Mqalleb. Hu qal illi s-suġġett kien jittratta 60 tomna art li ilha diversi snin muntanja ta' terrapien b'impatt ambjentali verament negattiv. Bħala mitigazzjoni għal dan kollu l-bord tal-Awtorita' tal-Ippjanar iddiskuta proposta ta' Planning Gain biex tingħata favur il-Kunsill Lokali tal-Imqabba minħabba l-isfreġju f'Xagħri Mqalleb u Ta' Mudurbu. Dan għaliex dawn l-inħawi iddegradaw bl-ammont ta' trakkijiet li waqqgħu terrapien u trab ma kullimkien u kissru t-toroq kollha. Il-Bord se jerġa' jiltaqa' u se nitolbu Cash Deposit ta' Eur100,000 bil-patt li jsiru wkoll żewġ toroq.

Omar Farrugia tkellem ukoll dwar ix-xogħlijiet li se jsiru fil-Pjazza tal-Knisja. Hu qal illi sar l-ewwel Progress Meeting mal-kuntrattur u l-entitajiet li se jkunu qed iħejju biex jgħaddu s-servizzi tagħhom minn taħt it-toroq u l-bankini. Is-Sindku qal illi din il-ġimgħa ingħalqu l-punti tal-arbli tal-festi mas-Surveyor u se jkunu qed jiġu mpoġġija żewġ site offices fil-Pjazza tal-Knisja viċin iż-żebbuġa. L-ewwel parti tax-xogħlijiet se tkun viċin l-istabbiliment tal-ikel fi Triq San Bażilju u jduru lejn il-PL Club. Se naraw jekk il-Pelleġrinaġġ tal-Erwieħ hux se jkun imfixkel b'dawn ix-xogħlijiet u jew minħabba li dan l-istabbiliment għandu wkoll attivita' li se ssir barra f'għeluq l-anniversarju minn mindu fetaħ. Se nkunu qed naraw ir-rotot tal-linja kif se jkunu affettwati u meta l-bus shelters mhux se jkunu qed jintużaw.
It-tieni fażi se tkun propju it-triq tan-Nofs (Triq il-Parroċċa) u fl-istess ħin se tinqabad ukoll Triq il-Qrendi biex ix-xogħol jitlesta għal nofs Mejju 2020. Madankollu għad fadal id-diffikultajiet fi Triq Karmenu Ciantar għaliex din għadha mingħajr dawl tat-toroq u trid tinqala' u titpoġġa bankina ġdida. Il-materjal ta' din il-bankina kien diskuss matul din il-laqgħa u s-suġġeriment hu li din issir mhux bil-paving blocks iżda bil-konkosl patterned jew stencilled.

Dwar il-ħinijiet tal-librara, intqal illi għandna problema għax din li qed taqdina m'għandiex trasport. Owen Sciberras qal illi din tixtieq taħdew 3 sigħat, tliet darbiet fil-ġimgħa.
Omar Farrugia qal illi hu kellem lis-Surmast u dan qallu illi m'għandux problema jekk ikun hemm sezzjoni waħda mil-librara fil-għodu. Is-Sindku ippropona illi l-librerija tinfetaħ darbtejn fil-ġimgħa bejn it-8.30am u n-12.30pm nhar ta' Erbgħa u l-Ġimgħa bejn it-3.00pm u s-7.00pm. Dawn il-ħinijiet se jkunu ikkomonikati mal-Malta Libraries. Owen Sciberras qal illi rridu naraw kif se nibbenefikaw minn skema ta' manutenzjoni biex l-AC jerġa' jibda jaħdem, jinbidlu t-tubi u jkun hemm manutenzjoni fuq l-ixkaffar.

Għall-inizjattiva Pink October, is-Sindku qal illi se tkun qed iżżurna l-mara tal-Prim Ministru, Ms Michelle Muscat nhar is-17 ta' Ottubru bejn is-7.00pm u d-9.00pm.

Issemma' l-punt illi l-latrina pubblika qed iddum ma tissakkar filgħaxija. Hawn issemmew id-diffikultajiet minħabba xogħol ħażin u / jew vandaliżmu minħabba li nqala l-pum tal-bieb, hemm il-meter tad-dawl fuq ġewwa mikxuf u naqqsu l-pixxaturi minn erbgħa għal tnejn.

Kien deċiż illi l-party tal-Milied tat-tfal isir nhar il-21 ta' Diċembru 2019.

Issemma' l-bżonn li jintrama' r-raħal fil-Milied b'dawk artifiċjali. Peress li se jkun hemm il-Pjazza tal-Knisja magħluqa, kien hemm xi proposti biex jintramaw toroq oħrajn fir-raħal li għal kull kunsillier rispettiv kienu ta' prijorita'.

Dwar l-attivita' kulturali li aħna magħrufin għaliha issemmiet Festa Ravjul u L-Imqabba mal-Medda taż-Żmien, attivitajiet li l-KLM kien tella' b'suċċess fil-passat.

Owen Sciberras semma' l-problema li hemm bejn ir-residenti fi Triq San Mikiel, billi wieħed qed jieħu gost jimblokka lill-ieħor bl-awtoritajiet jagħqduhom fin-nofs minħabba 'cow boys' li

hemm f’din il-parti kwieta. Is-Sindku qal illi hu inkwetat l-aktar minħabba l-ilma tax-xita li qed jimblokka wkoll lir-residenti fi djarhom u l-fatt li persuna anzjani iddaħħlet f’Home, issa se jitnaqqas parkeġġ tal-persuni ħandikappati. Il-Pulizija ipproċediet u issa hemm smiegħ il-Qorti u l-KLM jaqbel illi Triq San Mikiel tibqa’ aċċessibbli għar-residenti biss.

Owen Sciberras semma’ wkoll id-diffikultajiet li hemm fi Triq il-Parroċċa minħabba road markings viċin Sqaq numru 4. Biex ikun ukoll aġevolat il-parkeġġ fi Triq il-Parroċċa u Triq Valletta li tmiss magħha, kien hemm il-proposta li jibda’ jinfetaħ il-ground tal-iskola primarja bil-lejl. Dwar responsabilitajiet, għandna problema għaliex l-iskola tkun aktar esposta għas-serq u vandaliżmu fuq il-propjeta’ tagħha u fuq il-vetturi pparkjati.

Is-Sindku semma’ wkoll illi bil-ħidma tal-Ministeru tat-Turiżmu, ħadna ħsieb biex tissebbaħ iz-zona ta’ Ġnien Onġi Onġella. Sar xogħol ta’ żebgħa fuq il-kurduni tal-imxietel u l-konok u se jsir ukoll manutenzjoni fuq id-daħla tal-injam li hemm fl-istess ġnien.

Jonathan Dingli ippropona tinda (shelter) fuq il-bus stops ta’ Triq il-Madonna tal-Ġilju. Għal Triq tas-Sejba ippropona pellican / zebra crossing u semma’ wkoll il-problema tal-ħmieġ tal-ħamiem. Hu ippropona wkoll manutenzjoni fuq ir-railing ta’ Ġnien Mikelang Sapiano. Fl-istess inħawi intqal illi waqgħet fergħa mis-siġar maturi u rridu nsibu lil xi ħadd b’xi high up biex jaqtagħha. Jonathan Dingli ippropona t-tindif tal-Imtali bejn iċ-ċimiterju tal-Imqabba u Ħal Millieri. Kienet proposta sleeping policeman fi Triq il-Katakombi, ir-refreshing tal-marki tat-traffiku fi Triq il-Ħarriġiet u Triq Ġorg Mangion, u saħansitra parking spaces ġodda fi Triq il-Katakombi. Jonathan Dingli qal illi anke t-tarmak fi Triq il-Ħarriġiet kantuniera ma Triq il-Barrieri, niżel u qed toqgħod għadira ilma, filwaqt li hemm bżonn li jiżdied id-dawl tat-toroq fi Triq il-Ħarriġiet fjen joqgħod Colin ta’ Kazza.

Kienet approvata l-Payment Approval Sheet numru ????

Il-laqgħa ntemmet fid-9.15pm u se ssir din li jmiss nhar il-11 ta’ Novembru 2019 fis-6.00pm. Id-DSE se jibgħat ittra lil min iħaddem lil Jonathan Dingli biex ikun jista’ joqgħod għal din il-laqgħa.

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 11.11.19 minn Omar Farrugia
Deputat Segretarju Eżekuttiv Sindku